MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Talba Numru. 406/2012

**Intersteel and Fence Limited C 22115**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited C 28232**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ hemm talba ghall-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' elf ewro (€1,000), bilanc minn somma akbar. Dana skond fattura Dok A rigwardanti xogholijiet fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi ta' ittra interpellatorja u bl-imghax mill-21 ta' Mejju 2010 – data tal-fattura.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

i) It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt
ii) M'ghandhomx jithallsu spejjes extra gudizzjarji

II PROVI

1. F’din il-kawza ghandha biss ix-xhieda ta’ Mario Attard, direttur tas-socjeta’ attrici. Spjega li huma jaghmlu xoghol ta’ xibki u *gates*.

2. Fil-kaz taht ezami, huma kienu marru *on site*, kejjlu u taw kwotazzjoni – Dik Dok MA (*a fol* 16). Din giet accettata u ntalab depozitu ta’ 40 fil-mija (40%) kif jirrizulta mill-avviz tal-konferma tal-ordni, esibit bhala Dok A mal-Avviz.

3. Ix-xoghol sar u twahhal f’Mejju 2010. Mal-konferma kienu thallsu €1,900 mill-intier dovut ta’ €3,835. Il-bilanc ta’ €1,935 ntbaghtu ghalih zewg cekkijiet, wiehed ta’ €935 u l-iehor ta’ €1,000. Tal-ewwel thallas, l-iehor le fis-sens li ma ssarrafx mill-bank. Kellem dwar dan lil Daniel Farrugia tas-socjeta’ konvenuta u dan qallu biex jarga jipprezenta c-cekk li ma kienx imsarraf, izda ghat-tieni darba c-cekk ta’ €1,000 ma ssarrafx. Ix-xhud spicca jesibixxi bhala Dok MA1 (*a fol* 17) emails lis-socjeta’ konvenuta dwar dak dovut u bhala Dok MA2 (*a fol* 19) *sample* ta’ li *statement* li kienu jibghatu.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jigi rilevat li bhala provi ghandna biss ix-xhieda rassikuranti tad-direttur tas-socjeta’ attrici, Mario Attard, li qatt ma giet kontradetta. Xhieda munita b’dokumenti kif imiss.

2. Ta’ min jinnota wkoll li fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2013 gie verbalizzat li kien hemm possibilta’ ta’ transazzjoni u f’dik tat-13 ta’ Marzu 2013 prezenti d-difensuri gie verbalizzat hekk:-

> *Stante li ser isir arrangement sabiex isiru hlasijiet, il-partijiet qed jitolbu differiment.*

Wara dan fl-udjenza tat-3 ta’ Lulju 2013 xehed Mario Attard. Fl-udjenzi ta’ wara hadd ma deher ghas-socjeta’ konvenuta.

3. It-TRIBUNAL iqis li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha kif titlob il-ligi.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi:-

(1) **jichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta;
(2) **jilqa** t-talbiet attrici;
(3) **jikkundanna** lis-socjeta’ konvenuta biex thallas lil dik attrici il-*quantum* mitlub ta’ elf ewro (€1,000) u dana bl-imghax mill-21 ta’ Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv; u
(4) **jikkundanna** lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza kollha u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------